**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 34/2019 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**OC**

**Vs**

**CM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' OC, datat 24 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi OC u CM izzewgu nhar it-13 ta' Settembru 1992 u huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Gunju 2014, fl-atti tan-Nutar Dr Sandra Grech Cordina (vide Dok. 'A' hawn anness);*

*Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;*

*Illi OC u CM jissodisfaw il-kriterji impost mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi:*

1. *Ilhom separati de facto ghal aktar minn 4 snin u diga ottjenew separazzjoni legali bejniethom;*
2. *Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal-rikonciljazzjoni bejniethom;*
3. *Ma hemm ebda kwistjoni fuq manteniment peress illi l-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-manteniment minghand xulxin fuq l-att ta' separazzjoni u fuq*

*it-tifla ma hemm ebda manteniment dovut minn xi parti (Ara klawzola 6 tal-kuntratt anness).*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet C u M nhar it-13 ta' Settembru 1992 jigi mahlul;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien iffissat minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*U dan taht kull provvediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hua xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata, hi baqghet ma ntavolat ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci (Vide fol 14);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2019, permezz ta liema, l-intimata nghatat l-fakolta li tipprezenta s-sottomissjonijiet ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12;

Rat illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti;

**Ikkonsidrat:**

**OC** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Settembru 1992 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali

fit-30 ta' Gunju 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehed illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Settembru, 1992 (Vide Dok OM1 fol 11) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhom ebda wild;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Sandra Grech Cordina, datat 30 ta' Gunju 2014 (vide Dok. A fol 2 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghal rigward tal-kontumacja tal-intimata M, il-Qorti tqis illi ma hemmx eccezzjonijiet li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrent fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2019, il-Qorti tordna li l-ispejjez jithallsu kollha mir-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**